MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 384/2014

**G & G Trustees & Fiduciaries Limited (C24504)**

**vs**

**Comemed Holdings Limited (C36407)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ G & G Trustees & Fiduciaries Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpanija rikorrenti hija kumpanija awtorizzata mill-MFSA sabiex toffri servizzi fiducjarji ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 331 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-kumpanija rikorrenti toffri servizzi fiducjarji lill-kumpanija Comemed Holdings Limited (C36407), liema servizzi jinkludu shareholding, directorship, servizz ta’ registered office, rapprezentanza legali u rapprezentanza gudizzjarja, ghal liema servizzi il-kumpanija rikorrenti tithallas kull sena bil-quddiem;

Il-kumpanija Comemed Holdings Trading Limited (C36409) hija kumpanija sussidjarja tal-kumpanja Comemed Holdings Limited;

Il-kumanija Compania Mediterranea de Inversiones Limited (C37383) hija wkoll kumpanija sussidjarja tal-kumpanija Comemed Holdings Limited;

Il-kumpanija rikorrenti hija dovuta l-ammont ta’ tlieta u tletin elf u mitejn ewro (€33,200.00) minghand il-kumpanija konvenuta rigwardanti fatturi (Ara Dok. ‘AA1’ hawn anness) li jkopru servizzi rezi mill-kumpanija rikorrenti kemm lill-kumpanija konvenuta u kif ukoll lill-kumpaniji susidjarji taghha, u cioe’ lil Comemed Trading Limited u Compania Mediterranea De Inversiones Limited, u dan bejn is-sena elfejn u disgha (2009) u s-sena elfejn u erbatax (2014), hekk kif jixhed l-istatement hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. A1’.

Di più, il-kumpanija rikorrenti hija sa llum dovuta l-ammont ta' hamest elef, hames mija u erbgha u sebghin ewro u sitt centezmi ta' l-ewro (€5,574.06) bhala interessi fuq l-ammont totali surriferit, liema interessi jkopru l-perjodu mit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) sat-2 ta' Mejju, tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Il-kumpanija rikorrenti interpellat lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas il-bilanc dovut minnha u mill-kumpaniji Comemed Trading Limited u Compania Mediterranea de Inversiones Limited diversi drabi, u dan permezz ta' diversi e-mails u telefonati; (Ara Dok. 'A2').

Minkejja li l-kumpanija rikorrenti interpellat lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas il-bilanci dovuti minnha u miz-zewg kumpaniji sussidjarji taghha surriferiti diversi drabi, l-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti;

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-Kumpanija konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta’ tlieta u tletin elf u mitejn ewro (€33,200.00) rapprezentanti servizzi rezi mill-kumpanija rikorrenti lill-kumpanija konvenuta.

3. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas il-bilanc ta’ tlieta u tletin elf u mitejn ewro (€33,200.00) rapprezentanti bilanc dovut lill-Kumpanija rikorrenti bhala hlas ta’ servizzi rezi mill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta’ kull fattura sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-kumpanija konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata is-socjetà intimata ma kienitx rapprezentata fil-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba ta’ G & G Trustees & Fiducaries Limited; tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, tilqa’ t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Comemed Holdings Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------